MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSETTE DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 19/2012

**Joseph u Doreen konjugi Debono**

**-vs-**

**Eucharist Joseph sive Euchar Vella bhala direttur tal-kumpanija Karkanja Limited**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' l-atturi prezentat fit-13 ta' Marzu 2012 fejn ippremettew:

1. Illi l-esponenti kienu dahlu fi ftehim mal-istess Eucharist Joseph sive Euchar Vella ghan-nom tas-socjeta' Karkanja Limited (C 27062) u li permezz tieghu l-atturi ghaddew is-somma komplessiva ta' erbgha u erbghin elf, sitt mija u hamsin lira tal-munita l-antika (Lm44,650) ekwivalenti ghal mija u erbat elef u sitt ewro u tnejn u hamsin centezmu (€104,006.52), liema somma giet

mghoddija bl-iskop li tinxtara plot gewwa Triq it-Tigrija n-Nadur Ghawdex;

2. Illi dina s-somma globali giet mghoddija f'darbtejn – l-ewwel pagament kien fl-ammont ta' tlett elef lira tal-munita l-antika (Lm3000) ekwivalenti ghal sitt elef u disgha mija u disghin ewro (€6990) imhallsa fit-3 ta' Lulju 2003 (Dokument A) u t-tieni pagament kien ta'wiehed u erbghin elf, sitt mija u hamsin lira tal-munita l-antika (Lm41,650) ekwivalenti ghal sebgha u disghin elf u erbgha u erbghin ewro u hamsin centezmu (€97,044.50) li thallsu fl-1 ta' Awwissu 2003 (Dokument B);

3. Illi dan il-bejgh qatt ma mmaterjalizza ruhhu principalment minhabba n-nuqqas ta' approvazzjoni tal-permessi tal-bini mill-Awtorita' ta' Malta dwar L-Ambjent u l-Ippjanar u ghaldaqstant huma ukoll dovuti l-imghaxijiet ta' hamsa fil-mija (5%) fis-sena fuq l-ammont kollu mhallas mid-data tal-istess zewg skritturi privati hawn fuq imsemmij;

4. Illi l-atturi ilhom zmien twil jitolbu l-hlas lura ta' dawn il-flus. Infatti fl-14 ta' Jannar 2012 Eucharist Joseph sive Euchar Vella ghan-nom tas-socjeta' konvenuta ghadda s-somma ta' erbat elef ewro (€4000) akkont ta' dan l-ammont hekk kif jidher mid-dokument C hawn anness;

5. Illi ghaldaqstant fadal ammont bilancjali ta' mitt elf u sitt ewro u tnejn u hamsin centezmu (€100,006.52) li jrid jithallas mis-socjeta' intimata Karkanja Limited flimkien mal-imghax bir-rata ta' hamsa (5%) liema imghax ghandu jiddekorri mid-data tal-iskritturi;

6. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet s-socjeta' intimata ghalkemm dejjem irrikonoxxiet dan id-debitu anke permezz ta' *emails*, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bhala dokument D, hallset biss l-ammont ta' erbat elef ewro mill-ammont li huwa dovut lill-atturi;

7. Illi fil-fehma tar-rikorrenti dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u s-socjeta' intimate m'ghandiex eccezzjonijiet xi tqanqal ghat-talbiet li qed isurulha u

ghalhekk din l-Onorabbli Qorti tista’ tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh u dana ai termini tal-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ir-rikorrenti ghalhekk talbu lil din il-Qorti :

1. Taqta’ u tiddeciedi l-kawza odjerna bid-dispensa tas-smiegh fit-termini tal-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta debitrici fil-konfront tar-rikorrenti ghall-ammont ta’ mitt elf ewro u sitt ewro u tnejn u hamsin centezmu (€100,006.52);

3. Tiddikjara li s-socjeta’konvenuta ghandha thallas l-imghax bir-rata ta’ hamsa fil-mija (5%) mid-data tal-iskritturi;

4. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lir-rikorrenti s-somma hawn fuq imsemmija flimkien mal-imghax.

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura, inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni (kawtelatorju) bin-numru 7/2012 u tal-ittra ufficcjali numru 649/2011 kontra l-istess intimat li minn issa huwa mharrek u ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-13 ta’ April 2012 fis-1.30p.m.

Rat illi l-konvenut nomine gie debitament notifikat bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh.

Rat in-nota ta’ Eucharist Joseph Vella nomine prezentata llum li permezz ta’ liema ammetta t-talbiet attrici b’dan li jitlob li din is-sentenza tkun ezekuttiva gheluq il-perjodu ta’ sitt xhur mil-lum.

Rat il-verbal tas-seduta tallum stess fejn gie verbalizzat il-ftehim bejn il-partijiet. L-istess partijiet talbu li dan il-ftehim jigi inkorporat fis-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Illi fis-seduta tallum gie vverbalizzat li l-partijiet qablu fis-sens li gej:

1) Illi l-atturi jigu kanonizzati kredituri fis-somma ta’ mitt elf u sitt ewro, u tnejn u hamsin centezmu (€100,006.52)

2) Fuq din is-somma sad-data tas-sentenza, kif kien miftiehem, l-imghax ikun ta’ hamsa fil-mija (5%) fis-sena. Mid-data tas-sentenza ‘l quddiem l-imghax jitla’ ghal tmienja fil-mija (8%) fis-sena.

3) Is-socjeta’ konvenuta tinghata terminu ta’ sitt (6) xhur biex thallas il-mertu u l-imghaxijiet.

4) Il-partijiet jaqblu wkoll li l-mandat ta’ inibizzjoni numru 7/12 li huwa diga’ degretat finalment fil-15 ta’ Marzu 2012 jibqa’ fis-sehh minghajr ebda bzonn li jigi b’xi mod imgedded.

5) L-ispejjez tal-kawza u tal-proceduri tal-mandat ta’ inibizzjoni, ikunu a karigu tal-istess socjeta’ konvenuta.

Illi ghaldaqstant din il-qorti, fuq ammissjoni ta’ Eucharist Joseph sive Euchar Vella bhala direttur tal-kumpanija Karkanja Limited, filwaqt li tikkonferma l-ftehim milhuq bejn l-istess partijiet, taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk :

1. Tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta debitrici fil-konfront tar-rikorrenti ghall-ammont ta’ mitt elf ewro u sitt ewro u tnejn u hamsin centezmu (€100,006.52).

2. Tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta ghandha thallas l-imghax bir-rata ta’ hamsa fil-mija (5%) mid-data tal-

iskritturi sad-data tas-sentenza u mid-data tas-sentenza ‘l quddiem l-imghax jitla’ ghal tmienja fil-mija (8%) fis-sena.

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lir-rikorrenti s-somma ta’ mitt elf ewro u sitt ewro u tnejn u hamsin centezmu (€100,006.52) bl-imghax bir-rata ta’ hamsa fil-mija (5%) mid-data tal-iskritturi sad-data tas-sentenza u mid-data tas-sentenza ‘l quddiem l-imghax jitla’ ghal tmienja fil-mija (8%) fis-sena u dan sal-pagament effettiv. B’dan illi s-socjeta’ konvenuta qeghda tinghata terminu ta’ sitt (6) xhur millum biex thallas il-mertu u l-imghaxijiet.

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura, inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 7/2012 u tal-ittra ufficcjali numru 649/2011 kontra l-istess socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------